# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. TONIO MALLIA LL.D.

## Illum, il-Hamis, 30 ta' Mejju, 2002

Citazzjoni Numru: **771/95TM**

Numru**:**

**Dr Simon Micallef Stafrace bhala rappresentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd. U din bhala agenti Malta tas-socjeta' Assikurattrici estera Guradian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Cons (Tradings) Limited**

vs

**John E Sullivan u Ernest Sullivan ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Sullivan Shipping Agencies Limited agenti Malta ta' Fallow International Freight Limited trasportaturi tal-merkanzija de qua u b'nota tad-19 ta' Ottubru, 2001, is-socjeta' Sullivan Maritime Ltd assumiet ir-rapprezentanza tas-socjeta' estera Fallow International Freight Ltd. U Godwin Abela u Alfred E Aquilina ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjeta' The Cargo Handling Company Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess li l-assikurat ta' l-attur nomine, Cons (Trading) Limited, importa gewwa Malta fuq il-vapur Norasia Princess konsenja ta' *soft toys* li waslu Malta fis-6 ta' Gunju, 1994.

U billi din il-merkanzija giet ikkonsenjata lill-assigurat ta' l-attur bin-nuqqasijiet spjegati fid-Dok A;

U billi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tan-nuqqasijiet li sofra u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assigurat;

U billi l-attur nomine jikkwantifika dawn in-nuqqasijiet riportati fil-merkanzija ta' l-assigurat tieghu fl-ammont ta' tlett mija u tnejn u tletin lira u sebghin centezmu (LM332.70,0);

U billi il-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet;

Talab li din il-Qorti:

i) tiddikjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli li ghan-nuqqasijiet fil-merkanzija ta' l-assigurat ta' l-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-attur nomine;

ii) tillikwida id-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' LM332.70,0;

iii) tikkundanna lill-konvenuti nomine jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' LM332.70,0 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli il-konvenuti nomine jew min minnhom.

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra il-konvenuti nomine.

Rat in-Nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti John E Sullivan u Ernest Sullivan ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Sullivan Shipping Agencies Limited agenti Malta ta' Fallow International Freight Limited fejn eccepew hekk:-

i) Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur nomine stante li l-eccipjenti mhumiex responsabbli ghall-allegati nuqqasijiet.

ii) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, peress li din hija kawza ghad-danni, l-interessi jiddekorru mid-data tal-presentata tac-citazzjoni u mhux minn data precedenti.

iii) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela et noe fejn eccepew hekk:

i) Illi preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut et noe huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija *"de quo"* giet sbarkata minn gol-*container* Nru. SEAU 842543/2 bil-hsara, kif jirrizulta mill-*Joint Tally* Sheet Nru. 72116 (Dok ED1).

ii) Illi fit-tieni lok il-konvenut Godwin Abela et noe jissoleva li ma' kienx fi kwalunkwe kaz responsabbli ghal kwalinkwe hsarat u nuqqas allegati mis-socjeta' atrrici u dana ai termini tar-Regolament Nru. 86 dwar il-Portijiet ta' l-1966 (KF 28.03.94 Dr Ph. Manduca vs Godwin Abela – Citaz. Nru. 676/92).

iii) Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandha tigi esebita l-polza ta' assigurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-impurtatur u ghandu jigi esebit ic-*cheque* li bih sar il-pagament.

iv) Illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta' LM332.70,0 bhala allegati danni.

v) Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess ma hemm ebda interessi dovuti stante li *si tratta* dwar kawza ta' danni u li ghad iridu jigu likwidati u ppruvati fil-kawza nnifisha u li s-socjeta' esponenti qatt ma giet surrogata fl-interessi mill-assigurat taghha u hallset taht polza ta' assigurazzjoni. Illi *di piu'* din titratta dwar kawza ta' danni u ghalhekk ammont ta' likwidazzjoni u dan jigi stabbilit biss permezz ta' sentenzi iktar u iktar meta s-socjeta' esponenti m'ghandha ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici hlief tramite polza.

vi) Illi ghall dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti kontra l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut John E. Sullivan et noe. fejn eccepixxa:-

Illi l-azzjoni attrici fil-konfront ta' dawn l-eccipjenti hija preskritta a bazi tal-klawsola numru 30(B) tal-British International Freight Association (BIFA) – Standard Trading Conditions 1989 Edition applikabbli ghal din il-kawza. Il-klawsola 30(B) tipprovdi:

*"Notwithstanding the provisions of Sub-Paragraph (A) above the Company shall in any event be discharged of all liability whatsoever, howsoever arising in respect of any service provided for the Customer or which the Company has undertaken to provide unless suit be brought and written notice thereof given to the Company within nine months from the date of the event or accurance alleged to give rise to a cause of action against the Company."*

Rat illi din l-istess Nota ta' Eccezzjonijiet ulterjuri giet rinunzjata mill-konvenut John E Sullivan et noe fis-seduta tat-19 ta' Frar, 1996 (fol. 35 tal-process).

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-partijiet u l-provi minnhom mressqa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet ta' l-attur u tal-konvenut Godwin Abela nomine.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur nomine qed jallega li meta l-assikurat tieghu, id-ditta Cons (Trading) Limited, importat gewwa Malta fuq il-vapur Norasia Princess konsenja ta' *soft toys*, huwa sab zewg *cartons* nieqsa kompletament, u *carton* ohra kienet miftuha b'xi oggetti nieqsa. Dawn l-oggetti li sab nieqsa kellhom valur ta' LM332.70, u d-ditta attrici qed titlob li tigi rimborsata ghal din is-somma li hi hallset lill-assikurat taghha. Kemm l-agenti lokali tal-vapur, kif ukoll id-ditta Cargo Handling Co. Ltd. cahdu kull responsabbilta' ghal dan in-nuqqas.

F'materja ta' din il-kawza, irid jigi stabbilit kemm il-merkanzija, fil-fatt, tghabbiet fuq il-vapur, kemm giet skarikata minn fuq il-vapur u kemm giet rilaxxjata lill-importatur, u dan biex tigi determinata r-responsabbilta' o meno tal-partijiet f'din il-kawza.

Dwar dak li tghabba fuq il-vapur, l-assikurat tad-ditta attrici jghid li hu kien ordna 31 kaxxa *soft toys*. Li din kienet l-ordni jirrizulta wkoll mid-dokument tad-Dwana a fol 48 tal-process li tkun preparata mir-ricevitur. Sfortunatament, ma gietx esebita il-*Bill of Lading* u/jew il-Manifest minn fejn jirrizulta kemm minn din l-ordni giet effettivament mghobbija fuq il-vapur. Mix-xhieda ta' Joseph Sullivan (a fol 63 tal-process), li dak iz-zmien kien Manager ta' l–agenti lokali tal-vapur, jirrizulta', pero', li hu kien ivverifika li, fil-fatt, il-merkanzija kollha ordnata kienet giet mghobbija fuq il-vapur. Hu jghid, fil-fatt, li meta

sar jaf bin-nieqes kien ezamina l-Manifest tal-vapur u ikkonferma li l-merkanzija in kwistjoni "kienet kollha dikjarata illi giet karikata fuq dan il-vapur". Fil-fatt, meta sar jaf li l-vapur wasal Malta, huwa kien hareg *"arrival note"* fejn indika li wasslu l' wiehed u tletin (31) kaxxa li ordna l-importatur. Hu hareg din in-nota mhux ghax kien ivverifika li, fil-fatt, waslet din il-merkanzija, izda ghax skond il-Manifest, dik kienet il-kwantita' li kellha tasal Malta. Kwindi, l-attur nomine, fil-fehma tal-Qorti, rrnexxielu jipprova li l-merkanzija in kwistjoni giet kollha kemm hi mghobbija fuq il-vapur li kellha igorrha ghal Malta. Darba l-merkanzija tghabbiet fuq il-vapur, ir-responsabbilta' tal-kustodja ghaddiet f'idejn l-istess vapur u dana sakemm l-istess merkanzija tigi skarikata. Jirrizulta li meta l-vapur wasal Malta u l-merkanzija giet skarikata, tnizzlu minn abbord 30 kaxxa, b'tnejn minnhom *retaped and damaged.* Dan jirrizulta mill-*Joint Tally Sheet* li sar mill-agenti tal-vapur u tal-Cargo Handling hekk kif il-merkanzija kienet giet skarikata. Dan ifisser li kaxxa mill-merkanzija in kwistjoni ma tnizzletx minn fuq il-vapur.

Fil-*claim* li ghamel l-attur (a fol 5 tal-process) hu jghid li kellu zewg kaxex nieqsa u ohra miftuha li kellha n-nieqes. Lucienne Cini, pero', li thaddem bhala *Marine Claims Clerk* mad-ditta, insistiet, pero', li kien hemm kaxxa wahda nieqsa u ohra miftuha li kellha xi nieqes (ara fol. 58 tal-process). Filwaqt li l-verzjoni ta' l-assikurat ta' l-attur ma gietx minnu konfermata bil-gurament, x-xhieda ta' din Lucienne Cini ittiehdet bil-gurament u din ix-xhud stqarret li wahda kien hemm nieqsa avolja kien gie suggerit lilha minn din il-Qorti li kellu jkun hemm zewg kaxxi nieqsa. Peress li din il-kaxxa tghabbiet izda ma tnizzletx minn fuq il-vapur huma ghalhekk l-agenti tal-vapur li ghandhom jirrispondu ghal dan in-nuqqas.

Oltre li kien hemm kaxxa nieqsa, jirrizulta li kien hemm kaxxa ohra miftuha li kellha xi nieqes. Jidher li din il-kaxxa kellha 36 il-bicca izda nstabu biss ghoxrin (20) bicca; sittax (16)-il bicca kienu nieqsa (ara fol. 6 tal-process). Mix-xhieda ta' Lucienne Cini jirrizulta li minn din il-kaxxa partikolari kien hemm "tnejn nieqsin". Din il-Qorti tifhem, allura, li go kull kaxxa jkun hemm xi kaxex ohra. F'din il-kaz mill-kaxex iz-zghir, instabu tnejn nieqsa, kontenuti sittax (16)-il bicca. Fejn dawn iz-zewg kaxex zghar gew nieqsa ma jirrizultax sew. Il-*Joint Tally Sheet* tindika li tnizzlu zewg *cartons retaped and damaged*, izda x'kien ghad hemm fihom ma jirrizultax. Il-*Gate Pass Out*, min-naha l-ohra, tindika *carton* wahda biss *damaged.* Jidher, allura, li kien hemm kaxxa jew tnejn li nfethu fuq il-vapur, izda x'ittiehed minnhom ma jirrizultax. Mill-claim form li resqet id-ditta attrici, irizulta, kif inghad, li kien hemm sittax (16) – il bicca nieqsa, u dan in-nuqqas gie konfermat minn Lucienne Cini. Veru li din tikkonferma dan fuq l-informazzjoni li ghaddhiela l-assikurat tad-ditta attrici, u mehud kont li l-assikurat irraport din id-deficjenza fit-23 ta' Gunju, 1994 (sbatax (17)-il gurnata wara il-wasla tal-vapur f'Malta!), wiehed jista' jissuspetta li dan in-nuqqas ma giex pruvat li sehh waqt li l-merkanzija kienet fil-kustodja tal-konvenuti. Din il-Qorti, pero', thoss li mehud kont tal-fatt li jirrizulta li kien hemm xi kaxex miftuha, hemm probabilita' kbira li l-importatur ircieva l-merkanzija bin-nuqqas indikat.

Ghaldaqstant, la darba irrizulta li l-merkanzija giet kollha karikata fuq l-vapur, u, meta hadha l-importatur, sab kaxxa zgur miftuha b'sittax (16)-il bicca nieqsa, u darba ma jirrizultax minn miz-zewg konvenuti ghandhom jwiegbu ghal dan in-nuqqas, ir-responsabbilta' taghhom

ghandha tkun wahda solidali. Fil-kummerc hemm is-solidarjeta' bejn debituri ta' obbligazzjoni, u dan sakemm ma tkunx tista' b'mod car, tigi spartita l-htija. Kwindi, ghal dan il-kaz, iz-zewg konvenuti ghandhom jitqiesu responsabbli it-tnejn b'mod solidali ghal dan in-nuqqas in partikolari.

Id-ditta konvenuta National Cargo Handling taghmel riferenza ghall-artikolu 86 ta' l-Ordinanza tal-Partijiet. Il-Qorti, pero', thoss, li dan l-artikolu mhux applikabbli ghall-kaz in kwistjoni peress li hawnhekk il-ligi qed tireferi ghall-konsenja ta' pakki ta' xorta difettuza jew li jkunu fi stat ta' tixrid, filwaqt li din il-kawza titratta dwar konsenja ta' *soft toys* b'nuqqasijiet.

Ghar-rigward ta' *"survey fees"* li ssemmew fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet, din il-Qorti tirrimarka li, f'dan il-kaz, ma saret ebda talba ghall-hlas ta' *survey fees*, u kwindi, mhux se taghmel ordni fir-rigward.

Jirrizulta li d-ditta assikuratrici hallset lill-assikurat taghha s-somma komplessiva ta' LM332.70, pero', ma inghatatx spjegazzjoni cara dwar kif waslet ghal din il-figura, meta, skond id-dokument a fol. 5 tergo tal-process, id-danni kienu jammontaw ghal LM233.70. Lucienne Cini, meta xehdet a fol. 57 tal-process, ma tatx spjegazzjoni cara ta' kif waslet ghall-figura mitluba, mehud kont tal-fatt li l-polza ta' l-assigurazzjoni baqghet ma gietx esebita fil-kawza.

Dwar l-imghaxijiet, f'kazijiet simili, gie stabbilit li dawn jibdew jiddekorru min-notifika tac-citazzjoni (ara "Griscti noe vs Sullivan

noe" deciza mill-Onorevoli Qorti tal-Kummerc fl-14 ta' Dicembru, 1993).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq indikati, din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici limitatement ghas-somma ta' LM134.68 (l-*invoice value* ta' kaxxa u ta' l-oggetti l-ohra nieqsa), li ghandhom jithallsu kwantu ghal LM99 mis-socjeta' Sullivan Maritime Limited nomine, u kwantu ghal LM35.68, miz-zewg konvenuti *in solidum* bejniethom, liema hlas irid isir bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni lill-konvenuti rispettivament.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghall-kwint mill-attur nomine, tlett kwinti mill-konvenut Sullivan nomine, u kwint mill-konvenut Abela nomine.

**IMHALLEF**

**D/REG**

/ja